# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa**
**Disgħa u Għoxrin (29) ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru 809/2019FDP**

Fl-ismijiet

**Colin Sammut (K.I: 587577M) u Annabelle Sammut (K.I: 184178M)**

**Vs**

**Jesmond Micallef (K.I: 337166M) u Sonia Maria Micallef (K.I: 375775M) u permezz ta' digriet datat 7 ta' Novembru 2019 ġie kjamat fil-kawża Jason Gatt (K.I: 513676M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 20 ta' Awwissu 2019 li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

*Dikjarazzjoni tal-Fatti*

1. *Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond 49, 50, Triq l-Isqof Scicluna, Qormi (il-"Fond").*

2. *Illi lura fis-sena 2017, l-esponenti avviċinaw lill-intimat Jesmond Micallef sabiex jeżegwixxi xogħol fuq il-fil fil-Fond kemm minn barra u kemm minn ġewwa. L-istruzzjonijiet li l-esponenti taw lill-intimat kienu li riedu stima ta' xogħol ta' l-ogħla livell fl-industrija, inkluż applikazzjoni ta' l-aqwa materjal.*

3. *Illi l-intimat Micallef mar personalment jispezzjona l-Fond f'Settembru tal-2018 sabiex iħejji l-istima għall-esponenti.*

4. *Illi l-esponenti straħu fuq il-pariri tal-intimat Micallef bħala persuna tal-mistier u aċċettaw l-istima proposta. Il-Partijiet iffirmaw ftehim, kopja ta'*

*liema qiegħed jigi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok CS1', tħallas depożitu akkont u x-xogħol beda f Settembru 2018 stess.*

5. *Illi l-ewwel xogħol sar fuq il-faċċata, fejn l-intimat Micallef bena l-iscaffolding u flimkien ma' lavrant tiegħu invja l-faċċata. Lavranti u/jew terzi oħra ingaġġati mill-intimat Micallef fetħu l-fili, imlewhom, xkatlaw ħafif il-fili u applikaw l-ispirtu. Ix-xogħolijiet fuq barra spiċċaw f' Settembru 2018 stess.*

6. *Illi x-xogħol fuq ġewwa beda f'April 2019. Il-proċess kien simili għal kif sar fuq il-faċċata.*

7. *Illi meta x-xogħolijiet fuq ġewwa bdew joqorbu biex jitlestew għal xi Mejju 2019, l-esponenti ġibdu l-attenzjoni tal-intimat u l-lavranti tiegħu illi l-materjal kien qiegħed ifarfar.*

8. *Illi l-esponenti, waqt li spezzjonaw ix-xogħolijiet fil-Fond, skoprew ukoll ċertu madum u sollijiet li tkissru kaġun tal-azzjonijiet u/jew negliġenza u / jew imperizja da parti ta' l-intimat u/jew terzi ingaġġati minnu fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet.*

9. *Illi minn dakinhar 'l hemm la l-intimat u lanqas il-lavranti tiegħu ma marru fuq il-Fond sakemm fil-bidu ta' Ġunju 2019, l-intimat Micallef ikkuntattja lill-esponenti sabiex iħallsuh il-bilanċ rimanenti fuq il-ftehim.*

10. *Illi l-esponenti saħqu mal-intimat illi kien jifdal l-applikazzjoni tal-ispirtu sabiex ix-xogħol ikun eżegwit skont il-ftehim. Fl-istess waqt esprimew ruħhom illi x-xogħol ma kienx sodisfaċenti u ferm 'il bogħod mil-livell ta' xogħol li l-intimat kien inkarigat jeżegwixxi.*

11. *Illi sadattant l-esponenti inkarigaw lill-Perit Arkitett David Mifsud Parker sabiex jispezzjona x-xogħol tal-intimat fuq il-Fond u jirrediġi rapport dwar l-istess u x-xogħolijiet rimedjali meħtieġa. Dan ir-rapport jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok CS2'.*

12. *Illi l-esponenti avviċinaw ukoll terzi tas-sengħa sabiex jottjenu stima għax-xogħolijiet rimedjali konsentiti mill-Perit Arkitett. L-istima li l-esponenti ottjenew kienu esorbitanti, u dan għal diversi raġunijiet, fosthom illi x-xogħol eżegwit mill-intimat Micallef u l-lavranti tiegħu għandu jiġi mneħħi kollu u jerġa' jsir mill-ġdid. Kopja ta' din l-istima qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok CS3'.*

13. *Illi malli l-esponenti tkellmu mal-intimat Micallef dwar dan, l-intimat Micallef aġixxa b'mod aggressiv u insolenti sa ma fl-aħħar aċċetta li jibgħat perit tal-fiduċja tiegħu jispezzjona l-Fond. Waqt tali spezzjoni, il-perit mibgħut minn Micallef indika illi x-xogħolijiet ma sarux sewwa.*

14. *Illi wara dan l-episodju l-intimat Micallef propona lill-esponenti illi jnaqqas xi ħaġa mill-bilanċ rimanenti dovut lilu tax-xogħolijiet.*

15. *Illi madanakollu, l-esponenti rinfaċċjati bl-istimi (Dok CS3) konnessi max-xogħolijiet rimedjali, ma kinux disposti jaċċettaw tali proposta, in kwantu illi l-esponenti jippretendu illi fil-Fond ikollhom xogħol ta' l-anqas ta' livell aċċettabbli.*

16. *Illi sadattant, l-esponenti jeħtieġu illi dan ix-xogħol fuq il-fil jiġi reż mill-aktar fis possibli stante illi huma marbutin biż-żmien ma' terzi sabiex isir il-madum, jiġi maħdum it-taraġ u tiddaħħal l-għamara sa Marzu 2020.*

17. *Illi l-esponenti ġew kostretti jibgħatu ittra legali lill-intimat Micallef bil-għan illi jsibu soluzzjoni amikevolment. Kopja tal-ittra legali qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok CS4'.*

18. *Illi meta l-ittra legali baqgħet mingħajr risposta, l-esponenti proċedew b'ittra uffiċjali, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok CS5'.*

19. *Illi wara li kien evidenti li bejn il-kontendenti mhux possibli tinstab soluzzjoni, l-esponenti ma kellhomx alternattiva għajr illi jipproċedu billi jistitwixxu il-preżenti azzjoni ġudizzjarja.*

*Raġuni tat-Talba*

1. *Illi l-esponenti inkarigaw lill-intimat Micallef sabiex jeżegwixxi xogħol fuq il-fil fil-Fond tagħhom tal-ogħla livell u bl-aqwa materjal fuq is-suq.*

2. *Illi l-intimat Micallef mux talli ma pprovdiex xogħol tal-ogħla livell iżda saħansitra lanqas xogħol skont is-sengħa u l-arti u dan kif iċċertifikat mill-Perit David Mifsud Parker. Dan oltre ħsarat li ġew kaġunati fil-Fond mill-intimat u/jew terzi impjegati minnu fil-kors tal-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet.*

3. *Illi jirriżulta evidenti illi l-intimat, kemm fil-pariri tiegħu u kif ukoll fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet, ma użax dik id-diliġenza mistennija minnu bħala appaltatur u naqas li jadopera l-kawteli indispensabbli għall-adempiment tal-prestazzjonijiet tiegħu skont ir-regoli tal-arti u tat-teknika tajba.*

4. *Illi konsegwentement jeħtieġ illi jiġu eżegwiti xogħolijiet minn terzi persuni sabiex ix-xogħol isir kollhu mill-ġdid sabiex l-esponenti jottenju l-iskop li oriġinarjament inkarigaw lill-intimat Micallef għalih, b'dan illi l-esponenti ser jinkorru spejjeż inġenti.*

5. *Illi din il-kawża qed issir sabiex dina l-Onorabbli Qorti issib lill-intimat Micallef responsabbli u tordna lill-intimati jħallsu lill-esponenti danni li ser jiġu likwidati mill-Qorti.*

*Talbiet*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni u provvedimenti illi jidhrilha xierqa:*

1. *Tiddikjara illi l-intimat Micallef naqas milli jadopera dik id-diliġenza mistennija minn appaltatur fl-adempiment tal-prestazzjoni tiegħu inkluż fil-pariri li huwa ta u fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet li għalihom ġie ingaġġat.*

2. *Tiddikjara illi l-intimat u/jew terzi ingaġġati minnu naqqas illi jeżegwixxi x-xogħolijiet fil-Fond kemm skont il-kwalità' pattwita u/jew skont s-sengħa u l-arti.*

3. *Tikkundanna l-intimati jirrifondu lir-rikorrenti l-ammonti imħallsa lilhom bħala depożitu akkont tax-xogħolijiet in kwistjoni minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-imgħaxijiet legali.*

4. *Tiddikjara illi konsegwentement ir-rikorrenti sofrew danni nġenti kaġun tal-azzjonijiet, negliġenza, traskuraġni u / jew imperizja tal-intimat u /jew terzi impjegati u /jew ingaġġati minnu.*

5. *Tillikwida, inkluż bin-nomina ta' periti nominandi, id-danni sofferti mir-rikorrenti inklużi l-ammonti addizzjonali mħallsa lill-terzi għax-xogħolijiet li kellhom jeżegwixxu l-intimati jew min minnhom, l-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti għax-xogħolijiet żejda u/jew rimedjali li kienu kostretti jagħmlu u spejjeż oħra, bl-imgħaxijiet legali.*

6. *Tikkundanna, u Tordna lill-intimati jħallsu d-danni hekk likwidati u l-ispejjeż lir-rikorrenti.*

2. Rat illi fit-18 ta’ Ottubru 2019 il-konvenuti Jesmond Micallef u Sonia Maria Micallef laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

   1. *ILLI preliminarjament l-intimata Sonia Maria Micallef għandha minnufih tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju f’dina l-kawża u dana stante illi hi ma kienet bl-ebda mod involuta f’dina l-kwistjoni u in oltre r-rikorrenti m'għandhomx dritt ta' azzjoni fil-konfront tagħha u dana hekk kif se jiġi trattat iktar fid-dettal f’dina l-kawża ;*

   2. *ILLI r-rikors ġuramentat huwa fih innifsu kontradittorju u għalhekk huwa irritu u null u dana peress illi mit-talbiet tagħhom huwa ċar illi r-rikorrenti ma jafux xi jridu stante li fit-tieni talba tagħhom qed jitolbu dikjarazzjoni minn dina l-Onorabbli Qorti illi "L-Intimat jew terzi ingaġġati minnu naqas illi jeżegwixxi x-xogħolijiet fil-Fond skont il-kwalita' pattwita' u / jew skont is-sengħa u l-arti". F'dan ir-rigward r-rikorrenti kellhom jiddeċiedu in limite litis fuq liema binarju kienu se jibbażaw il-kawża tagħhom u għalhekk japplika hawnhekk il-prinċipju "electa una via, non est datur recursus ad alteram";*

   3. *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, dan ix-xogħol ġie sub-kuntrattat mill-intimat Jesmond Micallef lil ċertu Jason Gatt li huwa persuna tas-sengħa li hija debitament illiċenzjata sabiex tagħmel dan ix-xogħol u għandu esperjenza vasta f’dan is-settur u ma hemmx dubju illi l-intimat osserva dak kollu li jirrekjedi minnu l-artikolu 1037 tal-Kapitolu*

*16 f'dan ir-rigward u dana hekk kif se jiġi debitament ippruvat f'dina l-kawża;*

4. *ILLI fil-mertu assolutament mhux minnu illi l-Intimat Jesmond Micallef naqas minn kwalunkwe obbligi tiegħu skont il-liġi in konnessjoni max-xogħol li sar u għaldaqstant ma hemmx lok ta' rifużjoni tad-depożitu jew ħlas ta' xi danni da parti tiegħu hekk kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;*

5. *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ, ir-rifużjoni jew ħlas ta' danni li qed jiġu rreklamati qed jiġu debitament ikkontestati;*

*Salv linji difensjonali ulterjuri skont il-liġi.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet fuq l-atti msemmija.

4. Rat illi b'digriet mogħti fis-7 ta' Novembru 2019 Jason Gatt ġie kjamat in kawża.

5. Rat illi fil-21 ta' Novembru 2019 il-kjamat in kawża Jason Gatt laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

   *Illi fejn jirrigwarda l-esponenti, bħala imsejjaħ fil-kawża, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

   1. *Illi x-xogħol kollu eżegwit mill-esponenti fuq inkarigu tal-intimat sar kollu kif idderiġieh l-istess intimat Jesmond Micallef u bil-materjal li huwa pprovdielu.*

   2. *Illi l-esponenti eżegwixxa x-xogħol kollu skond l-arti u s-sengħa u jista' jkun li kwalsiasi difetti li qed jiġu allegati li tfaċċaw wara li sar ix-xogħol, huma frott tal-kwalità difettuża tal-ġebla li fuqha sar l-istess xogħol.*

   3. *Illi x-xogħol kollu eżegwit kien jiġi spezzjonat kuljum mill-atturi li qatt ma lmentaw mill-kwalità tiegħu, tant li huma għal darba darbtejn, talbu lill-esponenti li jaħdmilhom xogħol ieħor fl-istess mestier u saħansitra kienu anke lesti li jħallsu l-ammont kollu minnhom dovut lill-intimat.*

   4. *Illi wara kollox, l-esponenti baqa' ma tħallasx mingħand l-intimat Jesmond Micallef li nkarigah, tax-xogħol kollu li ħadimlu.*

   *Salv eqqezzjonijiet ulterjuri.*

   *Bl-ispejjeż.*

6. Rat illi fil-11 ta' Diċembru 2019 il-Qorti appuntat lil Perit Elena Borg Costanzi bħala Perit Tekniku sabiex tikkonstata l-istat tal-fond u n-natura tax-xogħol li sar fuq il-fond u dan mingħajr ma l-Perit tisma' x-xhieda.

**Provi**

7. Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi ppreżentat fil-25 ta' Mejju 2020 (fol 49-71).

8. Rat in-nota tal-kjamat in kawża kontenenti d-domandi in eskussjoni ppreżentata fis-16 ta' Settembru 2020 (fol 74-76).

9. Rat in-nota tal-konvenuti Micallef kontenenti d-domandi in eskussjoni ppreżentata fit-30 ta' Settembru 2020 (fol 79-80).

10. Rat in-nota tal-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi kontenenti r-risposti għad-domandi in eskussjoni tal-kjamat in kawża ppreżentata fil-21 ta' Ottubru 2020 (fol 83-86).

11. Rat in-nota tal-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi kontenenti r-risposti għad-domandi in eskussjoni tal-konvenuti Micallef ippreżentata fil-21 ta' Ottubru 2020 (fol 87-89).

12. Semgħet ix-xhieda tal-attur **Colin Sammut** mogħtija fid-19 ta' Jannar 2021 u rat ir-ritratti eżebiti minnu (fol 93-110).

13. Rat in-nota tal-atturi ppreżentata fid-19 ta' Mejju 2021 kontenenti l-affidavit tal-attriċi u rat id-dokument annessa magħha (fol 113-117).

14. Rat in-nota tal-atturi ppreżentata fis-6 ta' Lulju 2021 kontenenti l-affidavit tal-Perit David Mifsud Parker u rat id-dokumenti annessi magħha (fol 119-124).

15. Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2021 l-atturi ddikjaraw illi m'għandhomx aktar provi xi jressqu.

16. Semgħet ix-xhieda tal-attur **Colin Sammut** mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021 (fol 126-141).

17. Semgħet ix-xhieda tal-attur **Colin Sammut** mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2022 (fol 147-155).

18. Semgħet ix-xhieda tal-konvenut **Jesmond Micallef** mogħtija fis seduta tat-2 ta' Ġunju 2022 (fol 156-169).

19. Semgħet ix-xhieda ta' **Michael Meli Bugeja** mogħtija fis-seduta tas-7 ta' Frar 2023 (fol 174-175 et seq).

20. Rat in-nota tal-kjamat in kawża ppreżentata fis-7 ta' Frar 2023 kontenenti l-affidavit tiegħu, l-affidavit ta' Carmen Gatt u l-affidavit ta' Nicholas Cutajar (fol 176-184).

21. Semgħet ix-xhieda tal-konvenut **Jesmond Micallef** mogħtija fis-seduta tat- 23 ta' Mejju 2023 (fol 186-206).

22. Semgħet ix-xhieda tal-kjamat in kawża mogħtija fis-seduta tat- 23 ta' Mejju 2023 (fol 207-214).

23. Semgħet ix-xhieda tal-attriċi **Annabelle Sammut** mogħtija fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2023 (fol 216-226).

24. Rat ir-ritratti ppreżentati mill-konvenut fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2023 (fol 227-234).

25. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit David Mifsud Parker** mogħtija fis-seduta tal- 15 ta' Frar 2024 (fol 240-247 et seq).

26. Semgħet ix-xhieda ta' **Nicholas Cutajar** mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024 (fol 248- 251).

27. Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024 ġie dikjarat illi l-partijiet m'għandhomx aktar provi x'jippreżentaw u l-kawża tista' titħalla għas-sottomissjonijiet bil-miktub.

28. Rat illi l-atturi ppreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom fit-30 ta' Mejju 2024 (fol 253-266).

29. Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2024 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

30. Rat illi l-konvenut ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fil-21 ta' Awwissu 2024 (fol 269-290).

31. Rat illi l-kjamat in kawża ppreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fit-28 ta' Awwissu 2024 (fol 291-300).

32. Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2024 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

33. Jirriżulta illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond 49/50, fi Triq l-Isqof Scicluna, Qormi.

34. Jirriżulta illi l-atturi kienu avviċinaw lill-konvenut Jesmond Micallef sabiex jeżegwixxi xogħol ġewwa l-fond tagħhom, senjatament fil-faċċata tad-dar tagħhom kif ukoll ġewwa.

35. Jirriżulta illi l-intimat Jesmond Micallef kien ħejja stima li ġġib id-data tal-1 ta' Settembru 2018, liema stima kienet ġiet iffirmata kemm mill-attur Colin Sammut kif ukoll mill-konvenut Jesmond Micallef.

36. Jirriżulta illi l-intimat Jesmond Micallef kien qabbad lill-kjamat in kawża Jason Gatt sabiex jeżegwixxi flimkien miegħu dawn ix-xogħolijiet fid-dar tal-atturi. Illi jirriżulta illi meta l-intimat Micallef kien fil-fond tar-rikorrenti sabiex jara x-xogħol u jagħti l-istima huwa kien ħa miegħu lill-kjamat in kawża Jason Gatt.

37. Jirriżulta illi x-xogħol li għamel il-konvenut Jesmond Micallef kien jikkonsisti fl-armar tal-iscaffolding kif ukoll xogħol ta' invjar.

38. Jirriżulta illi l-kjamat in kawża Jason Gatt flimkien ma' ħaddiem tiegħu kien għamel ix-xogħol relatat mal-fili ossia, ftuħ ta' fili, tikħil ta' fuq il-fil, xkatlar u passati tal-ispirtu bil-pompa.

39. Jirriżulta illi l-intimat Jesmond Micallef u l-kjamat in kawża l-ewwel bdew mix-xogħol fuq il-faċċata tad-dar tal-atturi imbagħad xi żmien wara bdew ix-xogħolijiet ta' ġewwa.

40. Jirriżulta illi l-atturi nfurmaw lill-intimat Jesmond Micallef u lill-kjamat in kawża illi l-materjal kien qiegħed ifarfar, illi ma kienx hemm simetrija u li x-xogħol ma kienx sodisfaċenti u kien difettuż.

41. Jirriżulta illi l-atturi avviċinaw lill-Perit David Mifsud Parker sabiex jispezzjona x-xogħol u jħejji rapport dwar l-istess xogħol kif ukoll dwar ix-xogħolijiet rimedjali li għandhom isiru; liema rapport tħejja fit-12 ta' Ġunju 2019.

42. Jirriżulta wkoll illi l-atturi kienu avviċinaw lil terzi 'Farbros' sabiex jipprovdulhom stima tax-xogħolijiet rimedjali, liema stima ammontata għal tlieta u erbgħin elf, mitejn u ħamsin Ewro (Ewro 43,250) li magħhom irid jiġi miżjud ukoll il-VAT.

43. Jirriżulta illi saru xi-xogħolijiet rimedjali fuq ġewwa tal-fond biss u li dawn saru mill-kjamat in kawża Jason Gatt, kif ukoll għamel xi xogħolijiet l-attur Colin Sammut stess.

44. Jirriżulta illi fil-faċċata ma sar ebda xogħol rimedjali.

**Ikkunsidrat**

**L-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati illi l-intimata Sonia Maria Micallef għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju**

45. Illi l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimati Micallef hija li Sonia Maria Micallef li fil-konfront tagħha ttieħdet ukoll din l-azzjoni flimkien mal-intimat l-ieħor Jesmond Micallef, għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

46. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi mill-qari tar-rikors ġuramentat stess jidher ċar u manifest illi l-atturi kienu avviċinaw lill-intimat Jesmond Micallef sabiex jeżegwixxi x-xogħolijiet li huma xtaqu jagħmlu fil-proprjeta' tagħhom.

47. Infatti, dan jidher ċar anke mill-istess stima li tinsab a fol 8 tal-proċess, fejn fiha hemm biss il-firem tal-intimat Jesmond Micallef u l-attur Colin Sammut.

48. Magħdud ma' dan, fir-rapport tal-Perit *ex parte* David Mifsud Parker hemm imniżżel :

> *" The works carried out were contracted to Mr Jesmond Micallef by a written agreement signed and dated 1/9/2018"* (fol 9).

49. Illi l-azzjoni tal-atturi hija msejsa fuq ir-rifużjoni tad-depożitu mħallas akkont tax-xogħolijiet kif ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni minħabba li x-xogħolijiet eżegwiti mill-intimat Jesmond Micallef u/jew terzi ingaġġati minnu ma sarux skont is-sengħa u l-arti.

50. Illi, in oltre, jekk wieħed iħares kemm lejn l-ittra legali kif ukoll lejn l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-atturi, li jinsabu a fol 13 u 14 rispettivament, jidher b'mod evidenti illi dawn saru kontro u fil-konfront ta' Jesmond Micallef.

51. Illi fix-xhieda tal-attur Colin Sammut mogħtija fis-19 ta' Jannar 2021 huwa jgħid illi:

> *"Ix-Xhud :*
> *Mela jiena kont avviċinajt lil Jesmond Micallef biex jagħmilli xogħol fuq il-fil f'post ġdid, sia ġewwa u sia barra. Dan ġie jara x-xogħol hu u ġie Jason*

*miegħu, tagħni stima u ftehmna li jibdieh emm ... kif tispiċċa l-iskola peress li l-post tiegħi qiegħed viċin l-iskola primarja ta' San Ġorġ, iġifieri minn Lulju ... fil-bidu ta' Lulju. Emm ... għadda ż-żmien imsomma u bdew f'Settembru ... fil-bidu ta' Settembru ...*

*Dr Marlon Borg :*
*Ippermettili ftit ħa nwaqqfek ... inti l-ftehim dwar kif ħa jsir ix-xogħol u dwar kif ħa tħallas, ma' min għamiltu?*

*Ix-Xhud :*
*Ma' Jesmond għax lil Jesmond kont avviċinajtu u għidtlu jiena lil min naf? U qalli inti taf lili.*

*Dr Marlon Borg :*
*U x'għamel Jesmond? Ġie jara fuq il-post?*

*Ix-Xhud :*
*Ġie jara u ġab lil Jason miegħu.*

*Dr Marlon Borg :*
*U Jason ġie miegħu"*

(fol 93-94)

52. Il-Qorti tosserva wkoll illi mill-provi prodotti jidher ċar illi l-intimata Sonia Maria Micallef ma kellha ebda involviment u għaldaqstant hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

53. B'hekk l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Micallef qiegħda tiġi milqugħa.

**Meritu tal-każ**

54. L-azzjoni tal-atturi hija bbażata fuq il-fatt illi allegatament l-intimat Jesmond Micallef, *qua* appaltatur naqas milli jadopera d-diliġenza mistenna minnu, kif ukoll l-intimat jew terzi ngaġġati minnu naqas milli jeżegwixxi x-xogħolijiet fil-fond tal-atturi skont is-sengħa u l-arti.

55. Fl-ewwel lok, il-Qorti tibda billi tirrileva illi fuq ix-xogħol tal-invjar ma hemm ebda kontestazzjoni, kif dikjarat mill-attur stess:

*"Dr. Adrian Camilleri:*
*Naqblu li inti m' għandek l-ebda erm ilment fuq l-invjar?*

*Il-Qorti:*
*Fuq il-?*

*Ix-Xhud:*
*Naqblu iva.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Fuq l-Invjar li sar.*

*Il-Qorti:*
*L-invjar.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Fuq l-invjar li sar minn Jesmond Micallef.*

*Il-Qorti:*
*Yes yes.*

*Ix-Xhud:*
*L-invjar iva.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Taqbel?*

*Ix-Xhud:*
*Iva naqbel"*

(fol 128)

56. Illi fix-xhieda tal-attur Colin Sammut mogħtija fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2021 l-attur jispjega l-ilmenti tiegħu u jgħid hekk:

*"Ix-Xhud :*
*Fil fatt lili qalli ... qalli jiena nagħmel l-invjar Jesmond ... qalli u Jason ikaħħal il-fili ... qalli imbagħad jiena nerġa' nunvja ... għidtlu mhux problema, irranġaw intom. Emm ... ġie f'Settembru, beda x-xogħol ... emm ... fl-aħħar ta' Settembru lestieli l-faċċata ... u l-faċċata* biss *bdejna. Jiena bdejt niġbidlu l-attenzjoni number one ... emm ... il-lavur isfel jekk ittih daqqa t'għajn mill-ewwel jindika li ma kienx dritt. U fil-fatt kien jiġi Jesmond u jgħid lil Jason isma' dak trid tixkatlah b'xi ħaġa twila. Mhux fuq idejk għax inkella ha ġġibu ... ħa tħaffru kollu. Imsomma, barra minn hekk l-ewwel kwistjoni wkoll kienet fuq l-ispirtu ... taw l-ispirtu fuq il-faċċata ... l-ispirtu ħallastu jien ... hekk kien il-ftehim li nġiblu l-ispirtu ... għidtlu x'tirrakomanda ... qalli ta' Sica l-aħjar wieħed. Kont xtrajtlu ta' Sica, għamluh u dakinhar stess għamlet ix-xita. Jiena ġibtlu l-ispecifications u għidtlu dan suppost il-ġebla trid tkun niexfa, għidtlu dan kont taf biha inti din il-faċċata, għalhekk għidtlek ejja kif tispiċċa l-iskola, l-ewwel ma jdejqukx it-tfal u number two jkun għadu s-sajf u l-ġebla tkun niexfa. Mhux tiġi f'Settembru u tkun għamlet ix-xita. Qabeż Jason, kien ġie Jason u qalli jekk trid ara, jien noffrilek iċ-cherry picker spejjeż ta' xejn, qalli u erġa' tiha l-ispirtu inti. U minn hemm l-ewwel ... l-ewwel clash li kellna. Emm ... ġejna biex nagħmlu x-xogħol fuq ġewwa u għidtlu isma' ... għidtlu fuq ġewwa jiena ma rridux bid-daqqiet tax-xafra kif għamiltu fuq barra għax fil-fatt jidher ... viżibbli x-xogħol iġifieri jkollok fil, id-daqqa tax-xafra ... fejn hu left ... fejn hu right. Qalli nifthuh bir-router ... għidtlu iftħu bir-router jien m'għandi problema ta' xejn, ara x'hemm bżonn ... u nagħmluh. Emm ... dan fetaħ bir-router, kaħħal il-fili u nvjah. Wara li nvjah ħarġu d-difetti kollha bħal ma hemm fir-ritratti li jidhru. Simetrija ma teżistix, litteralment niġi biex inwaħħal inkwatru nwaħħlu*

*mgħawweġ biex jidher dritt il-fil emm ... il-fili jfarfru ... qalli mela int ħa toqgħod tmisshom ... għidtlu ma mmisshomx mela l-mara tiegħi jekk tiġi tfarfar ... mhux nippretendi li taħslu imma ma naħsibx li toqgħod ġo post ġewwa u l-fili jfarfru. Dak li hemm ... bħal ma jidhru fuq ir-ritratti, daqqiet bir-router ... dawn ma kinux hemm hekk ... dawn il-fili kienu idjaq u fetħuhom huma".*

(fol 94)

57. Għal dak li għandu x'jaqsam max-xogħol li sar fuq il-faċċata, l-attur jilmenta kif ġej:

*"Dr. Adrian Camilleri:*
*... Issa, ħa nibdew mill-faċċata. Taqbel miegħi illi fuq il-faċċata inti m' għandek l-ebda ilment f'din il-kawża* kontra Jesmond Micallef*?*

*Ix-Xhud:*
*Iva ta' għandi.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Għandek?*

*Ix-Xhud:*
*U żgur.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*X' inhuma ... ?*

*Ix-Xhud:*
*Semmejniha id-darba l-oħra; li dan applika l- ispirtu f' Settembru u dakinhar stess għamlet ix-xita meta dan kien ilu jaf żmien sew twil.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*U skont inti x' kienet il-konsegwenza ta' dal-fatt.*

*Ix-Xhud:*
*Il-konsegwenza hi li jiena naqbad l- ispecifications, tajthomlu, li l-ġebla trid tkun niexfa qabel japplikah, xtrajtu disa' mitt euro dal-*ispirtu *meta għidtlu offrili li jtini cherry picker u nagħmlu jien. Iġifieri la ammetta jiena, naħseb jiena ma taniex raġuni;*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Mela, Iġifieri l-unika ilment li inti għandek fuq il-faċċata* tal-post huwa l-ispirtu. *Qed naqblu?*

*Ix-Xhud:*
*U l-fili, il-fili illi hemm.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*U l-fili illi hemm. S' hemm, x' hemm ħażin fil-fili?*

*Ix-Xhud:*
*Qed ifarfru u m'humiex simetrija"*

(fol 127-127 et seq)

58. Illi l-istess attur fix-xhieda mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2021 jispjega illi:

"*Ix-Xhud:*
*ha ngħidlek, għax jien, il-proċess ma nafx jekk tafx kif inhu. Il- proċess l-ewwel ma sar kien li jinvja ruħu.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*U inti fuq l-invjar m'għandekx problem ?*

*Ix-Xhud:*
*L-Invjar qatt ma kelli problemi. Jinfetħu l-fili, mela inti ħa tara kantun bil-fil miftuħ.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Mhm?*

*Ix-Xhud:*
*Jitkaħħal, jiġi ċappa tikħil fuqu, iġifieri ma tista' qatt tara l-finish inti.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Mhm?*

*Ix-Xhud:*
*U eventwalment fl-ahhar jixkatla ruħu. Issa x'ħin xkatla ruħu, hemm hekk il-fil beda jfarfar. Hemm hekk jiena tkellimt, il-fili reġgħu infetħu, reġgħu tkaħħlu u reġgħu xkatlaw ruħhom. Hemm hekk jiena waqqafthom. Inti ma tistax tara l-prodott finali jekk il-ħajt għadu mkaħħal. Da mhux ġibs, dan fil qed nitkellmu."*

(fol 138 et seq)

59. Illi fl-istess xhieda toħroġ ċar illi saru xogħolijiet rimedjali fuq ġewwa biss u dawn ix-xogħolijiet kienu saru mill-kjamat in kawża.

*"Dr. Adrian Camilleri:*
*Bħala stat ta' fatt, ix-xogħol rimedjali li qed tgħid li kellu jsir sar?*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Kollu? Ġewwa biss.*

*Ix-Xhud:*
*Kollu gewwa biss.*

*…*

*"Ix-Xhud:*
*Dawk hemm hekk għamilhom Jason.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Bħala xogħol rimedjali?*

*Ix-Xhud:*
*Bħala xogħol rimedjali iva, għal fatt illi l-fil ma huwiex dritt.*

*…*

*Ix-Xhud:*
*Huwa mtajjar, allura jduruh bil-kulur imbagħad jixkatla ruħu, jerġa' jinfetaħ u jimtela' bl-abjad.*

*…*

*Ix-Xhud:*
*Ma' Jesmond ftehmna li fejn jekk ikun hemm xi fil bħal dak, qalli dak mhux problema, jimtela bil-kulur, jixkatla ruħu, jinfetaħ, jimtela bl-abjad, u jixkatla ruħu jerġa'.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*U sar fil-fatt dak ix-xogħol?*

*Ix-Xhud:*
*Fil-fatt sar imma kellu jerġa' jinfetaħ għax ma sarx sew.*

*Il-Qorti:*
*Imma ma ġiex xkatlat imbagħad mhux hekk?*

*Ix-Xhud:*
*Mhux hekk mhux hekk, għax waqqafthom ... għax waqqaftu.*

*…*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*U dil-proċedura tal- ...*

*Ix-Xhud:*
*Tal-kuluri emm …*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Saret kullimkien fid-dar? ... kien hemm bżonn.*

*Ix-Xhud:*
*Saret, fejn kien hemm bżonn iva.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*U għalfejn ma tkompliex?*

*Ix-Xhud:*
*Għax waqqaftu jiena.*

*…*

*Ix-Xhud:*
*Jason jien ftehim miegħu qatt m' għamilt. Jason imma meta għidtlu hawn qed ifarfar u reġgħu fetħu l-fili, qabel illi jiftaħ il-fili u jerġa' jkaħħalhom, beda jkaħħalhom, imbagħad qalli isma, t'hawn hekk trid ittini xi ħaġa oħra. Għidtlu kemm jien, qalli, jekk mhux sejjer żball għax ma hemm xejn bil-miktub, la naf elfejn, 'qas tlett elef euro. Ma nafx. Għidtlu inti aħdem, issa naraw. Hekk kien il-kliem.*

*…*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*U eventwalment ħallastu?*

*Ix-Xhud:*
*No.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Ma ħallastux?*

*Ix-Xhud:*
*No"*

(fol 131, 132 et seq-134 u fol 139)

60. Jirriżulta wkoll illi imbagħad l-attur stess għamel xi xogħolijiet ġewwa, kif jirriżulta mill-istess xhieda tiegħu:

*"Dr. Adrian Camilleri:*
*Emm, tista' tgħidilna kemm, kemm; iġifieri inti għamilt ix-xogħol ta' ġewwa hux hekk?*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Lest.*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

*…*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*U x' għamilt? Tista' tgħidilna x' għamilt?*

*Ix-Xhud:*
*Ftaħna l-fili kollha, kaħħalnihom bil-kulur fejn kienu, ma kinux simetrija reġgħu infetħu, imtlew bl-abjad u reġgħu xkatlaw ruħhom.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*U għamilthom int minn, waħdek?*

*Ix-Xhud:*
*Għamilna kollox.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Kien hemm xi ħadd ieħor qed jgħinek?*

*Ix-Xhud:*
*Kien hemm xi ħadd minn tal-familja qed jgħini."*

(fol 139 et seq u fol 140 et seq)

**Ikkunsidrat**

61. Il-Qorti tirrileva illi b'referenza għall-ewwel żewġ talbiet kontenuti fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti, li jrid jiġi stabbilit huwa jekk l-intimat Jesmond Micallef naqasx mid-diligenza mistennija minnu *qua* appaltatur u jekk l-istess intimat jew terzi ingaġġati minnu għamlux ix-xogħol skont is-sengħa u l-arti.

62. Il-Qorti tosserva illi mill-qari kemm tar-rapport tal-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi, kif ukoll mill-provi prodotti, jidher illi, filwaqt illi jista' jagħti l-każ illi fix-xogħol eżegwit hemm id-difetti, l-analiżi illi din il-Qorti sejra tagħmel hija jekk dawn id-difetti humiex attribwibbli għall-intimat Jesmond Micallef u/jew il-kjamat fil-kawża Jason Gatt.

63. Il-Qorti tibda billi tosserva illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-faċċata, mill-provi jirriżulta illi l-lavur ta' barra kellu jiġi rranġat. Illi l-attur fix-xhieda tiegħu jgħid:

*"Dr Marlon Borg :*
*Issa Sur Sammut, kumment ieħor li jsir … li qiegħed fil-proċeduri, kemm fid-domandi u kemm fir-risposti tal-intimat li huwa illi n-nuqqasijiet li hemm fix-xogħol huwa riżultat tal-ġebla illi għandek fuq il-post. Inti dwar il-ġebla qatt iddiskutejt magħhom? Qatt … tista' forsi tispjega ftit?*

*Ix-Xhud :*
*Jiena x-xogħol ġibtu jarah, rah hu, qatt ma ġibidli l-attenzjoni, kull ma ġibidli l-attenzjoni meta kien jaħdem fuq il-faċċata u qalli li l-lavur fiha ħafna xogħol. Għidtlu imma inti ma rajtux? Qalli hemm hekk għandek xi ħaġa iktar. Għidtlu inti l-ewwel lesti u mbagħad nitkellmu. U talli rranġa l-lavur barra … li qal li rranġa, talabni sitt mitt (600) euro oħra Jesmond. Sa hemm nista'*

*ngħid. Il-bqija qatt ma ġibduli l-attenzjoni għal xi xogħol li kien hemm u jgħidli isma' dan mhux għal fuq il-fil jew ħaġa jew oħra. Jaf x'ridt u l-istima tahieli."*

(fol 97)

Kif ukoll:

*"Xhud:*
*... il-lavur ta' barra, jiena kont ikkomplenjajt fuqu wkoll qalli għax dan qiegħed mgħawweġ, qalli dan trid ittini sitt mitt euro oħra.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Min?*

*Ix-Xhud:*
*Jesmond qalli, qalli Jason irid xi ħaġa oħra. Qalli issa għid lilu, saqsejt lil Jason, qalli dan trid ittini sitt mitt euro oħra. Għidtlu aħdem, issa naraw kif jiġi, imbagħad fil-każ nitkellmu.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*U għal fejn kien, għal fejn?*

*Ix-Xhud:*
*Għall-fatt illi ssib daqxejn xogħol iktar milli, skużi, milli pretenda, għax dan kienu rawh ix-xogħol huma.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Issa;*

*Il-Qorti:*
*U dan qed nitkellmu fuq il-lavur.*

*Ix-Xhud:*
*Fuq il-lavur. Parti mill-faċċata"*

(fol 139 et seq)

64. Magħdud ma' dan, il-kjamat in kawża fl-affidavit tiegħu jispjega illi:

*"Fir-rigward tal-faċċata ngħid li Colin Sammut kien talabni sabiex nirranġalu l-lavur li kien għamilli l-bennej peress li kien sar difettuż. Jien tlabtu € 700 biex naqla' l-fili bojod u nagħmilhom stone colour u nirranġalu d-difetti l-oħra li ried. Colin Sammut qabel u għalhekk jiena għamilt ukoll dan ix-xogħol."*

(fol 177)

65. L-intimat Jesmond Micallef fuq il-kwistjoni tal-faċċata jispjega illi:

*"Ix-Xhud :*
*Il-faċċata kienet poġġuta b'xillier ... xogħol ta' fuq il-fil ... issa l-lavur inħadem mhux fil-post u nħadem minn ċertu bniedem li llum is-sistema miexja hekk mhux bħal ma konna fl-antik naħdmu fil-post. Illum jinħadem minn sekonda persuna. Issa l-bennej jordna ... il-bennej jordna u tal-lavur jaħdimlu ... issa l-ġebel inqata' mill-istess barriera ... inqata' mill-istess barriera imma x'ħin beda jpoġġi l-bennej ġabha f'Jannar, tela', wasal għal lavur tajjeb ... tal-kumplament tax-xogħol u ġabha fi Frar ... Marzu ... kemm il-dawra niżel tal-barriera? Ma jaqbilx bħala kulur. Issa ... il-qisien tal-magna ... jekk tordnah illum jiġi bniedem warajk u jgħidlu dan irridu għaxra (10) skarsi l-ġebel u jekk inti ma tkunx hemm u tiġbidlu l-attenzjoni ... għaxra (10) skarsi ha jħallih. Allura l-ġebla li ħadt inti biex ħdimt il-lavur għaxra (1) skarsi ha jkunu. Tal-lavur ma joqgħodx jgħidlu tihieli għaxra (10) qawwija. Ġibli tletin (30) ... ġibli erbgħin (40) kantun ... u jaħdem. Issa din tiġi l-problema inti u tpoġġi. Inti u tpoġġi, jekk għandek ix-xogħol tiegħek għaxra (10) eżatt il-kantun u l-ieħor għaxra (10) skarsi jew għaxra (10) qawwija ... fejn tinzertalek waħda bil-qawwi fuq xulxin diġa għolejt kwart. Mhux ħa taqbel bil-fili.*
*...*

*Dr Adrian Camilleri :*
*U allura x'għamilt meta sibtu din l-issue?*

*Ix-Xhud :*
*X'ħin bdejt għaddej bl-invjar ... x'ħin bdejt għaddej bl-invjar bdejt ninduna li speċjalment kien hemm tnejn tal-bieb ta' barra u tat-tieqa meqlubin. Il-għaliex? Għax kellu l-lavur ta' din in-naħa huwa qies u l-lavur ta' din in-naħa huwa qies ... fejn inzertawlu t-tnejn għoljin fuq din in-naħa ... din in-naħa inzertawlu tnejn baxxi allura ma setgħax jaqbel. Kelli nirranġah jien minn taħt. Allura l-fil ta' din in-naħa u fejn qattajtlu minnu, tela' 'l fuq iktar.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*U lilu lil Colin x'għidtulu?*

*Ix-Xhud :*
*Hu talabni biex nagħmlu dak ix-xogħol biex nidritta l-arkipjunijiet ... għidtlu dak ġejja problema mat-tieqa ... qalli nippruvaw nirranġawh. Għidtlu hawn ħa jogħla l-fil aktar u ndejqu l-lavur u qalli l-aqwa li t-tieqa teħel sewwa. Dawk seta' affarijiet ġibed l-attenzjoni tal-bennej imma ma nġibdux. Inġibdu miegħi.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*U inti qarribtu kemm jista' jkun ?*

*Ix-Xhud :*
*Qarribtu l-aħjar li stajt. Jien fuq l-invjar ... fuq l-invjar kemm jista' jkun noqrob xogħol bħala invellijiet ta' arkipjunijiet ... naħseb ftit hawn min jilgħab miegħi.*

*Dr Adrian Camilleri :*

*Imbagħad Jason ħadem fuq dak li għamilt int.*

*Ix-Xhud :*
*Imbagħad Jason ħadem ... fuq il-mejjet inkantaw ... fuq li kien hemm, ħadem"*

(fol 163-164)

66. Mix-xhieda tal-attur joħroġ illi fuq xi ħitan, kienet twaħħlet qoxra tal-franka, liema qoxra kienet saret mill-attur stess:

*"Dr. Adrian Camilleri:*
*Issa naslu għaliha. Issa, fil-ħitan li għandek ġewwa, twaħħlu xi qoxra tal-franka jekk joghġbok?*

*Ix-Xhud:*
*Iva kienet twaħħlet qoxra tal-franka u dan Jesmond kien rah.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Issa, fejn twaħħal il-qoxra tal-franka?*

*Ix-Xhud:*
*Twaħħlet il-qoxra tal-franka fejn kelli ngħaddi xi servizzi.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Tista' tgħidilna fejn?*

*Ix-Xhud:*
*E fis-salott.*

*...*

*Ix-Xhud:*
*Il-qoxra tal-fil saret fuq ġiex ħitan fejn kellhom jgħaddu s-servizzi illi tiġi fis-salott fejn hemm id-distribution box u fejn hemm il-pajpijiet tal-air condition. Hemm hekk biss.*

*...*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Iva all right. Issa, il- il- il-qoxra emm ... li ... min waħħlu jekk jogħġbok? Tista tgħidilna?*

*Ix-Xhud:*
*Il-qoxra?*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Ehe.*

*Ix-Xhud:*

*Jiena.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Inti waħħaltu?*

*Ix-Xhud:*
*Jiena waħħaltu.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Naqblu illi inti m' intix tas-sengħa?*

*Ix-Xhud:*
*Ma naqbilx miegħek ta'.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Le? X' inhi is-sengħa tiegħek jekk jogħġbok?*

*Ix-Xhud:*
*Is-sena tiegħi huwa maintenance installation.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Installation, pero m' intix, ix-xogħol tiegħek mhux fuq il-ġebel hux hekk?*

*Ix-Xhud:*
*Skużi? Nagħmel li jkun hemm bżonn.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Iva iva.*

*Ix-Xhud:*
*Isir dax-xogħol. Nagħmlu wkoll.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Ġieli għamiltu għand in-nies ukoll?*

*Ix-xhud:*
*Għamiltu iva. Għamiltu għandi stess f' appartament ieħor.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Għandek stess mhux għan-nies?*

*Ix-xhud:*
*Għandi stess u anke għand in-nies għamiltu wkoll.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Ukoll? Għamiltu għand in- nies. U inti għandek xi liċenzja ta' … ta' …*

*Ix-Xhud:*
*Liċenzja? Tad-dawl għandi.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Biex tibni u hekk?*

*Ix-Xhud:*
*Le m' għandux x' jaqsam. Tad-dawl għandi. M' għandux x' jaqsam tal-bini m' għandux x' jaqsam"*

(fol 128 et seq-130)

67. Fuq din il-kwistjoni tal-ħitan bil-qoxra, l-attur f'xhieda mogħtija f'seduta oħra jgħid:

*"Dr Frank Cassar :*
*Ismagħha kollha qabel. Qabel ma Jesmond u Jason bdew jaħdmu, qabel ma bdew jaħdmu huma inti kont waħħalt bejn wieħed u ieħor xi tlett kwarti tal-post bil-qoxra fuq il-fil. Dik id-domanda ... issa spjega.*

*Ix-Xhud :*
*Le qoxra tal-fil saret imma mhux tlett kwarti tal-post ...*

*Dr Frank Cassar :*
*X'inhi?*

*Ix-Xhud :*
*Qoxra tal-fil twaħħlet imma mhux tlett kwarti tal-post.*

*Dr Frank Cassar :*
*Kemm bejn wieħed u ieħor?*

*Ix-Xhud :*
*Hekk kont se nipprova ngħidlek jiena ...*

*Il-Qorti :*
*Għidli ...*

*Ix-Xhud :*
*Ippermettili ... one ... two ... mingħalija tlett (3) ħitan ... jekk mhux sejjer żball tlett (3) ħitan.*

*Il-Qorti :*
*Tlett (3) ħitan minn erbgħa (4) ...*

*Ix-Xhud :*
*Tlett ħitan minn ġiex sulari ...*

*Il-Qorti :*
*All right.*

*Dr Frank Cassar :*
*Ngħid sew li int ma għamiltx spacers bejn qoxra u oħra?*

*Ix-Xhud :*
*Le qed tgħid ħażin ta' …*

*Dr Frank Cassar :*
*Ok daqs hekk minnha dik id-domanda. Issa … ħa nistaqsik xi ħaġa oħra ara … dalwaqt nispiċċaw …*

*Ix-Xhud :*
*Għax il-qoxra …*

*Dr Frank Cassar :*
*Le le irrispondejtha.*

*Il-Qorti :*
*Li qed jipprova jgħidlek huwa … inti bejn qoxra u oħra inti għamilthom imissu ma' xulxin jew ħallejt spazju?*

*Ix-Xhud :*
*Sinjur, il-qoxra tal-fil … qoxra tal-fil tiġi bil-fil lesta.*

*Dr Frank Cassar :*
*Iġifieri din id-domanda. Għamilt spacers, iva jew le?*

*Ix-Xhud :*
*Le ma kellix bżonn …*

*Il-Qorti :*
*Ma kienx hemm bżonn spacers.*

*Ix-Xhud :*
*Jekk kien hemm bżonn nagħmel spacers biex inqabbel mal-fil eżistenti"*

(fol 151 et seq-152)

68. Illi fix-xhieda tiegħu l-intimat Jesmond Micallef jispjega kif ġej:

*"Dr Adrian Camilleri :*
*Tajjeb … għamiltu x-xogħol tal-invjar. Imbagħad x'gara? X'bdejt tinduna x'ħin kont qed tagħmel ix-xogħol tal-invjar?*

*Ix-Xhud :*
*X'ħin bdejt għaddej bil-mutur bdejt ninduna … għax fit-tarf tal-franka bejn fil u fil … fit-tarf tal-franka ma tarax x'hemm. X'ħin tgħaddi bil-mutur toħdilha dik il-layer ngħidu one … two millimetres … tinduna li ġol-fil hemm lega siment … hemm lega kolla. Tinduna li hemm lega kolla …*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri ma kenitx ġebla sħiħa?*

*Ix-Xhud :*
*Le. Jien kont naf li qoxra. Jien kont naf li qoxra …*

*Il-Qorti :*
*Eh kont taf li qoxra diġa? All right ok …*

*Ix-Xhud :*
*Issa ġol-fil … ġol-fil … dak aħna meta npoġġu l-qoxra, kif tkun għadha friska … il-kolla inti ħa ċċappasha l-ġebla … ħa ġġibha daħna bil-Malti. Issa fil-fil jaqagħlek dejjem il-kolla tal-ġebla ta' fuq … dejjem tal-ġebla ta' fuq jaqagħlek fuq ta' taħt … issa l-fil kif ikun għadu frisk, dakinhar stess filgħaxija innaddfuh … biex meta niġu naħdmu b'xi għodda wara … li mhux suppost kien hemm għalfejn ngħadduh bir-router għax hu kien impoġġi bl-ispacers. Suppost ma għaddejniehx bir-router imma peress li l-ġebla ma kenitx ta' ordni waħda kull meta jiġi bżonn ħamsin (50) … mitt (100) qoxra kien imur jordnahom u l-qies qatt ma jkun l-istess. Jien meta nieħu …*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Min għamilhom il … il-qoxra min għamilha bħala stat ta' fatt?*

*Ix-Xhud :*
*Qattagħha jew waħħalha?*

*Il-Qorti :*
*Waħħalha.*

*Ix-Xhud :*
*Is-sinjur.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Is-Sinjur min hu?*

*Ix-Xhud :*
*Colin …*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Colin Sammut għamel il-qoxra.*

*Ix-Xhud :*
*Colin Sammut.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Iġifieri intom sibtu l-qoxra lesta?*

*Ix-Xhud :*
*Lesta.*

*Il-Qorti :*

*U inti allura stajt tinduna … sorry dottore … li bejn qoxra u oħra kien jidher dik il-kolla, allura dak l-ispazju tal-fil ma kienx oħxon ħafna, qed nifhem jien jew le?*

*Ix-Xhud :*
*Le poġġa xi spacers. Imma bdejt ninduna li l-ispacers ma kinux qies wieħed. Il-għaliex? Għaliex il-ġebla ma kenitx tal-istess ordni. Per eżempju … jekk jien ħa nimla din il-kamra … irrid erbgħa mitt (400) qoxra … u nordna erbgħa mija u ħamsin (450) biex jekk inkisser waħda għandi l-ispare. Hu kien iwaħħal dak il-ħajt … mela issa jonqosni mija (100) oħra … ħa mmur nordna. Issa meta jgħaddu l-ġebel mill-barriera qatt ma jgħaddi l-istess qies. Allura inti trid tordna mogħdija waħda u tqatta' minn tal-istess. Anke l-kulur ma jaqbilx.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*U x'sibt iġifieri … inti meta għamilt ix-xogħol ta' invjar fuq dan, x'sibt inti? X'kienet il-problema allura?*

*Ix-Xhud :*
*Il-fili … jiena bħala invjar ma sibthiex il-problema …*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Meta bdew jinfetħu l-fili.*

*Ix-Xhud :*
*Imma indunajt li [ejja problema wara.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Eżatt. Dik … tista' tinforma l-Qorti x'kienet …*

*Ix-Xhud :*
*X'ħin rajt il-fil maħmuġ kollu bil-kolla C2CT li hija kolla tintuża għal granit imma tintuża anke għal ġebla … bid-differenza li expensive iżjed u ma għandekx għalfejn u isimha magħha … granit.*

*Il-Qorti :*
*Ftehmna.*

*Ix-Xhud :*
*Issa aħna meta nlestu u speċjalment jekk nużaw dik it-tip ta' kolla … jien nużaha għax is-sid ikun iridha u allura nużaha … nieħu naqra xogħol iktar, inżarma dik in-nofs siegħa qabel, naqbad il-kazzolla u nnaddaf il-fil. X'ħin innaddfu kollu l-fil naħslu, biex il-kolla toqtollha saħħitha. Għax jekk ittiha l-ilma l-kolla toqtollha saħħitha.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Issa fuq dan il-każ, x'kienet il-problema?*

*Il-Qorti :*
*Kien qed jispjegali …*

*Ix-Xhud :*
*Kif beda jgħaddi r-router beda jilgħab. Beda jilgħab u peress illi l-linja tal-fil, speċjalment il-mimduda, il-linja tal-fil mimduda kienet fejn poġġuta 5 mm … fejn 7 mm spacer … fejn il-kantun mhux indaqs, allura kienet qiegħda hekk. Allura kif inti tpoġġi r-riegla … jgħaddi r-router u fejn jolqotlok fuq, fejn jolqotlok taħt … allura fejn ikollok wiesa' jolqotlok taħt, fuq ħa jiġi fil eħxen. Għalhekk il-fil qiegħed ħafna qisien.*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri dawn il-problemi li qed tgħid int huma riżultat tal-fatt li kien hemm dan is-siment …*

*Ix-Xhud :*
*It-tqegħid tal-qoxra ħażin.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Issa mhux inti għamiltu dan ix-xogħol tar-router? Jason … imma lilu … lil Colin, għidtulu b'din il-problema?*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*U x'qalilkom?*

*Ix-Xhud :*
*Irranġa fuq li tista'. Qalli imma jiena jekk jista' jkun irridu one (1). One (1) ma kienx joħroġ … one (1) iġifieri ten (10) millimetres … meta ngħidu one (1) … one (1) centimetre … ten (10) millimetres. Kien hemm diġa fili li huma twelve (12).*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Mela hu ried li l-fil ikun ten (10) millimetres.*

*Ix-Xhud :*
*Ten (10) millimetres …*

*Dr Adrian Camilleri :*
*U inti stajt toħorġu ten (10) millimetres?*

*Ix-Xhud :*
*Le jekk diġa' kien hemm ten (10) u twelve (12) … aħseb u ara toħorġu ten (10). Kien hemm li huma six (6). Imma l-problema kienet għax il-fil kien 'il fuq u 'l isfel.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Ma riedx jagħmlu ikbar minn ten (10) millimetres?*

*Ix-Xhud :*

*Li għamlu fourteen (14) … kien jiġi ħafna aħjar.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Hu ried li jkun iktar minn ten (10) millimetres?*

*Ix-Xhud :*
*Le riedu ten (10) millimetres.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*All right iġifieri kellek taħdem fuq dak illi … illi … kien hemm. Issa din kienet problema fuq il-qoxra fejn waħħal hu kollha?*

*Ix-Xhud :*
*Meta tibda minn isfel titla' 'l fuq, aktar iżżid il-gravita. Għax jekk għandek il-kantun ta' taħt ta' għaxra (10) qawwi u inzerta ieħor fuqu int u tqiegħdu għaxra (10) qawwi … diġa ġejt bi kwart differenza. Ma tiġbrux. Trid titfa' riegla u aħna ngħaddu r-raxketta biex nirranġawh il-fil …"*

(fol 159-161)

69. Fl-affidavit tiegħu l-kjamat in kawża Jason Gatt jgħid illi:

*"Fir-rigward tax-xogħol ta' ġewwa, jiena ftaħt il-fili bir-router għall-ħxuna li qalilna Colin Sammut. Ngħid li l-qoxra ma kinitx impoġġija tajjeb għax min għamilha kien ħadem mingħajr spacers. Nikkonferma li l-qoxra li qed insemmi ma kontx għamiltha jien."*

(fol 177)

70. Meta l-attur ġie mistoqsi fuq il-kwistjoni tal-qoxra u tal-kolla użata huwa jirrispondi kif ġej:

*"Dr. Adrian Camilleri:*
*Naqblu wkoll illi kien hemm kwistjoni fuq il-fili li ma setgħux jitnaddfu minħabba dil-kolla li inti użajt?*

*Ix-Xhud:*
*Hekk qalu.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*X' inhu?*

*Ix-Xhud:*
*Hekk qalu.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Hekk qalu.*

*Ix-Xhud:*
*Hekk qalu.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*All right. U naqblu wkoll illi qalulek illi seta' jinqasam, seta filfatt jinqasam il-ġebel;*

*Ix-Xhud:*
*Ma niftakarx.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Ma tiftakarx."*

(fol 137 et seq-138)

71. Din il-problema relatata mal-fatt illi l-qoxra ma kinitx imwaħħla kif suppost, tinsab ukoll ikkonfermata mix-xhieda ta' Nicholas Cutajar mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024.

72. Magħdud ma' dan, fix-xhieda tiegħu l-intimat Jesmond Micallef jispjega wkoll illi l-problema riskontrata ma kinitx biss minħabba l-kwistjoni tal-qoxra imma wkoll minħabba x-xogħol li kien sar mill-bennej. Infatti huwa jsostni kif ġej:

*"Il-Qorti :*
*Fejn kien hemm il-kantun ma kienx hemm din il-problema?*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Il-Qorti :*
*Kien hemm ukoll?*

*Ix-Xhud :*
*Għax il-kantun ma kienx mgħoddi għal fuq il-fil. Kien mgħoddi kantun.*

*Il-Qorti :*
*Ok ftehmna.*

*Ix-Xhud :*
*Iġifieri kantun ngħadduh minn żewġ naħat … ikun jidher minn hawn u jidher minn hawn … u jekk ma jkunx mgħoddi xillier, ġenb minnhom għad-dobblu u jkollok ix-xifer ta' taħt u ta' fuq mgħoddijin biex inti dejjem ikollok ix-xifer eżatt.*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri ma kienx mgħoddi hekk kif qed tgħid inti? Kien mgħoddi b'kantun …*

*Ix-Xhud :*
*Kien mgħoddi b'kantun u mhux xillier. Dak jiddistingwi ruħu minn hemm … xillier jagħmlu bil-fin …*

*Il-Qorti :*

*Jagħmlu bil-fin bil-lest biex inti meta tqiegħed il-ġebla għandek il-parti ta' wara rozza u l-parti ta' quddiem tajba diġa'.*

*Ix-Xhud :*
*Perfett. Issa hu u jqiegħed il-bennej ... il-bennej jista' jvarja naqra żgħira għax hu jkollu ħadida f'idejh, il-pull ... issa l-bennej iħalli forsi eight (8) millimetres ... jien naf għax kont bennej ... iħalli forsi eight (8) millimetres u joħroġ one (1). Ikollok two (2) millimetres fejn tista' tilgħab 'l hawn u 'l hemm.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Isa f'dan il-każ kemm riedu kbir?*

*Il-Qorti :*
*Kemm riedu ħxuna?*

*Ix-Xhud :*
*Ten (10) millimetres imma ma stajtx naħdem b'ten (10) millimetres għaliex kien diġa jaqbeż it-ten (10) millimetres.*

*Il-Qorti :*
*Li kien eħxen ...*

*Ix-Xhud :*
*U żgur gia eħxen ... per eżempju minn mal-lavur ... minn mal-lavur ta' fuq il-faċċata għal mal-kantuni li poġġa l-bennej ... il-lavur ħadmu bniedem ieħor. Il-ġebla kienet differenti. Il-ġebla li kellu min ħadem il-lavur kienet għaxra (10) eżatt u l-ġebla li kellu hu kienet għaxra (10) qawwija. F'għoli ta' sular, jitlef qawwi ... qawwi ... qawwi ... jġib nofs pulzier falz minn wieħed għal ieħor.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Iġifieri għalhekk f'xi bnadi differenti ...*

*Ix-Xhud :*
*Xi fili differenti.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Pero bħala stat ta' fatt, il-fili dejjem għamilhom Gatt hux hekk mhux inti ...*

*Ix-Xhud :*
*Ehe.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Inti dak ix-xogħol ... issa dan huwa ... din il-problema kienet komuni għas-sulari kollha?*

*Ix-Xhud :*
*Minn sular għal ieħor kien joqtolha ... fuq il-faċċata qed nitkellmu jew fuq ġewwa?*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Fuq ġewwa għax ...*

*Ix-Xhud :*
*Dik dejjem tipprova tinqatel bl-għoli tal-konkos. Meta ssaqqaf minn sular għal ieħor, ikollok difett taħt toqtolha fl-għoli tal-konkos. Imma jekk terġa' tuża l-istess proċedura li użajt taħt ... l-istess ... terġa' titfgħek nofs pulzier ...*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Intom bqajtu tgħidulu lil Colin fuq dan ...*

*Ix-Xhud :*
*Jiena lil Colin meta mort nara x-xogħol ... dak il-ħin ma tistax tinduna għax inti domt kwarta ... nofs siegħa ... u qed titkellem dak il-ħin kważi kliem ta' flus ... dak il-ħin qed tifhem. Iġifieri dawk l-affarijiet inqalgħu bix-xogħol. Per eżempju din tal-kolla fil-fil skoprejtha x'ħin invjajt. Jiena ma ndunajtx li kien hemm il-kolla fil-fil. Qed tifhimni. Jien skoprejtha x'ħin invjajt. Għax intuh l-ewwel layer tidher ... jidher il-ġebla bajda karti u fuq kull ... fuq kull fil tara' dak il-line iswed ... oj hawn x'hawn? U qbadt nipprova nobrox. Eh x'tobrox! Is-C2CE eh ... ma tobroxhiex ...*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Ma tobroxhiex.*

*Ix-Xhud :*
*Ma tobroxhiex.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Issa emm ... kien hemm it-tromba tat-taraġ ukoll hux hekk?*

*Ix-Xhud :*
*It-tromba tat-taraġ saret l-aħħar waħda.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Kellek l-istess problemi jew ...*

*Ix-Xhud :*
*Bħala kolla fit-tromba tat-taraġ ma kienx hemm għax ma kenitx qoxra ...*

*Il-Qorti :*
*Kienet kantun ...*

*Ix-Xhud :*
*Mibnija mill-bennej. Tajjeb. Kienet imqarrba naħseb ... kienet l-aktar waħda mqarrba mhux ħażin ... pero xorta kien fiha naqra l-fili ... imma dik kienet l-iktar waħda li kienet mhux ħażin it-tromba tat-taraġ. Imma li fetaħha flok ten (10) ... kieku qalli twelve (12) kienet tiġi perfetta. Imma baqa' jinsisti".*

(fol 161 et seq-163)

73. Il-Qorti tosserva wkoll illi matul il-kawża ssemmiet il-kwistjoni tal-materjali li ġie użat, liema materjal inxtara mingħand Meli Bugeja u jġib l-isem "Fuq il-Fiel".

74. Fuq l-użu ta' dan il-materjal l-intimat Jesmond Micallef jispjega illi:

*"Ix-Xhud :*
*Qalli li jridu fuq il-fil abjad. Mort għand ta' Meli Bugeja, tlabnih ta' fuq il-fil abjad u xtrajnih u għamilnieh.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*U għamiltuh ...*

*Ix-Xhud :*
*Ma nbagħbsux ... jien ma nbagħbsux ... il-klijenti u min jaħdem miegħi ngħidilhom dak ma jitbagħbasx. Hawn min ibagħbsu ... hawn min iżidu siment ... hawn min iżidu kolla ... jien ma nbagħbsux.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Hu qed jilmenta illi jitfarfar meta ...*

*Ix-Xhud :*
*Bil fors jitfarfar. Anzi meta ma jitfarfarx nieħu qatgħa. Irid ikun dgħajjef li jitfarfar. Tgħidli għaliex irid ikun dgħajjef li jitfarfar? Taf inti ... l-ġebla tagħna Maltija u jkun hemm soqfa tal-konkos, isiru l-konsenturi. Isiru movimenti. Għaxra (10) ... ħmistax (15) il-sena wara jsiru movimenti. Jekk ikollok materjal tat-tikhil iebes ħafna tixxellef il-ġebla. Jekk ikollok materjal bħal ma hu ta' Meli Bugeja ... soft ... artab iċedi l-materjal u tista' tistokkjah u l-ġebla ma tixxellef qatt. Fil fatt l-antiki kienu jużaw gir soft ... artab ... imbagħad għamlu żmien ikaħħlu bir-ramel u siment u ndunaw li l-fili qed jixxellfu kollha u llum hawn dan ta' Meli Bugeja. Bħala saħħa vera ma humiex għax jekk iddur dawra l-blokok 'l hawn u 'l hemm kif tagħmillu hekk b'subgħajk, speċjalment tiegħi ħorox, ifarfar ... imma jekk ma tmissux, jidher hemm ... jibqa' jidher pulit tajjeb ... importanti ma tibqgħax togħrok ġo fih ... jibqa' jidher pulit u ma jiġri xejn u jibqa' abjad. Daka qiegħed hemm bħala safety għal ġebla.*

*Il-Qorti :*
*Eventwalment meta ttih l-ispirtu jew xi ħaġa hekk daka mbagħad jibbies ftit? Jagħmel ...*

*Ix-Xhud :*
*Le ...*

*Il-Qorti :*
*Jibqa' dejjem soft.*

*Ix-Xhud :*

*Jekk jibbies ħażin. Ma rridux. Jien ma rridux jibbies ħalli jekk isir moviment fil-ġebla fil fatt, il-faċċata fejn hu xogħol fuq il-fil, il-bennej iqiegħdu bit-tajn ħelu ... x'iġifieri bit-tajn ħelu? It-tajn ħelu huwa tajn bla siment xejn. Illum intuh tikka ... intuh tikka emm ... sealer biex iċedilek taħdem. Meta jkun xogħol għal fuq il-fil irid ikun tajn bla siment xejn."*

(fol 164-164 et seq)

75. Il-Qorti tirrileva x-xhud Michael Meli Bugeja jikkonferma dak li jispjega l-intimat Micallef, ossia, li l-materjal li ntuża huwa wieħed artab. Infatti huwa jgħid:

*"Dr Frank Cassar :*
*Issa emm ... dwar xi lment ta' xi tfarfir fuq il-ħitan tal-fuq il-fil tista' tgħidilna xi ħaġa jekk jogħġbok?*

*Ix-Xhud :*
*Yes.*

*Dr Frank Cassar :*
*X'inhi s-sitwazzjoni?*

*Ix-Xhud :*
*Dak it-tip ta' prodott ma jkunx prodott li jkun b'saħħtu esaġerat.*

*Dr Frank Cassar :*
*X'tip ta' prodott ikun li xtara s-sinjur?*

*Ix-Xhud :*
*Ikun fuq il-fil ... litteralment il-prodott jismu fuq il-fil ...*

*Dr Frank Cassar :*
*Il-prodott jismu fuq il-fil.*

*Ix-Xhud :*
*Yes. Emm ... jintuża biex jintmela l-fili tal ... tal-ħitan emm ... u xejn iktar.*

*Il-Qorti :*
*U ma jkunx iebes apposta biex iħalli l-arja għaddejja mill-ġebla u ma jkunx hemm ħsara?*

*Ix-Xhud :*
*Hekk hu ... hekk hu.*

*Dr Frank Cassar :*
*Allura jiġifieri jfarfar allura?*

*Ix-Xhud :*
*Anki jekk tagħmel subgħajk fuq il-ġebel ifarfar imma anki l-fil ukoll. Dak kollox lest.*

...

*Dr Adrian Camilleri :*
*Iġifieri x'inhi r-raġuni li huma ... li l-prodott huwa artab allura?*

*Ix-Xhud :*
*Il-formulation li tawna l-fabbrika min jagħmilha ... u dak kien is-suġġeriment tagħhom ... ilna nbiegħuh easily forty (40) years ... ninety per cent (90 %) tas-suq ikun minn tagħna ... kieku kien hemm xi problemi kieku konna nbiddlu l-affarijiet ... it's been a good product and we have obviously carried on. Ix-xogħol ... nista' ngħidlek ukoll li x-xogħol li għamel Jason kont mort narah ukoll ... ix-xogħol kien tajjeb ... l-invjar kien tajjeb ... jien għalija ma kien hemm xejn ħażin".*

(fol 174 et seq-175 et seq)

76. Il-Qorti tirrileva illi fix-xhieda tiegħu l-Perit David Mifsud Parker jikkonferma illi dan il-materjali huwa wieħed ta' kwalita' tajba u li huwa ntużat ħafna. Dan tikkonfermah ukoll il-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi fir-risposti tagħha għad-domandi in eskussjoni.

77. Il-Qorti tosserva illi mill-analiżi tal-provi prodotti jidher illi d-difetti riskontrati ma jistgħux jiġu attribwiti lill-intimat Jesmond Micallef u/jew il-kjamat in kawża. Dan għaliex joħroġ ċar illi waqt ix-xogħolijiet instabu problemi li ma ġewx ikkawżati mill-intimat Micallef u mill-kjamat in kawża, iżda li kienu kkawżati minn terzi. Magħdud ma' dan, mill-provi jidher ukoll illi l-attur Colin Sammut ikkontribwixxa huwa wkoll għall-problemi meta qiegħed il-qoxra tal-franka b'mod ħażin. Illi kif jispjega l-intimat Micallef fil-kontro-eżami tiegħu, meta mar fuq il-post proprjeta' tal-atturi sabiex jagħtihom stima, huwa ma setax jintebaħ bil-problemi illi kien hemm. Infatti huwa jsostni:

*"Il-Qorti :*
*Inti stajt tinduna li kien hemm xi ħaġa ħażina jew kien biss meta għamiltu r-riegla ? Hux hekk naħseb dik hija d-domanda li ġej għaliha ?*

*Ix-Xhud :*
*Dak il-ħin x'ħin mort wara x-xogħol hundred per cent (100 %) ma tinduna qatt ... għax x'ħin tiġi twaddab ir-riegla fuq din in-naħa u fuq in-naħa l-oħra ... ta' għaxar (10) piedi ... tlettax (13) il pied ... bil-piedi kemm jużaha Jason ... X'ħin jiġi jgħaddi bir-router fejn imisslek u fejn le. Allura trid tkun ... ma naħsibx illi kull min imur jagħti stima fuq ix-xogħol joqgħod jaqbad ir-riegla u jkejjel u jgħidlek isma' hawn hekk hekk u hawn hekk hekk u hawn hekk hekk. Inti tinduna fuq l-għajn dak il-ħin.*

...

*Dr Marlon Borg :*
*Issa ara ngħidlekx allura sewwa illi dan ix-xogħol ukoll b'għajnejk jekk tmur tispezzjona tarah ?*

*Ix-Xhud :*
*Meta jkun il-fil miftuħ għax hu jkun imkaħħal. Il-bennej ikaħħlu allura ma tindunax. Il-bennejja jgħaddi u jkaħħal ix-xogħol ... ma jħallihx fil miftuħ bħal ma suppost kienet il-qoxra. Imma l-qoxra wkoll kienet mimlija bil-kolla ... granit".*

(fol 194)

78. In oltre, l-Qorti tinnota wkoll illi mill-provi ħareġ illi l-attur kien ta istruzzjonijiet rigward il-qies. Illi fix-xhieda tiegħu Nicholas Cutajar isostni:

*"Ix- Xhud :*
*Niftħu bir- router biex inġibu l- qies u dejjem hu ... dejjem hu tahuli l- qies.*

*Il- Qorti :*
*All right ftehmna.*

*Dr Marlon Borg :*
*Min tak il-qies ?*

*Ix- Xhud :*
*Colin."*

*(fol 249 et seq)*

Dan jikkonfermah ukoll l-intimat Micallef meta jgħid illi: *"li fetaħha flok ten (10) ... kieku qalli twelve (12) kienet tiġi perfetta. Imma baqa' jinsisti"* (fol 163)

79. Il-Qorti tirrileva wkoll illi meta l-attur ġie mistoqsi dwar ir-ritratti li ġew eżebiti minnu huwa jsostni illi:

*"Ix-Xhud :*
*Bħala fatt ma nistax ngħid imma naħseb ... naħseb ... underlined naħseb ... li qabel ġiet il-perita tal-Qorti"*

(fol 153)

80. Magħdud ma' dan, il-Qorti tosserva illi meta l-Perit Tekniku żammet l-aċċess tagħha fil-fond in kwistjoni, xi xogħolijiet illi ġew ikkonstatati minnha ma kinux saru la mill-intimat u lanqas mill-kjamat in kawża. Illi b'hekk kien laħaq sar xogħol minn terzi. Barra minn hekk, punt illi tqajjem waqt il-kawża kemm mill-intimat kif ukoll mill-kjamat in kawża kien illi l-fili l-ġodda kienu jfarfru wkoll. Meta mistoqsi dwar dan l-attur qal:

*"Dr. Adrian Camilleri:*
*Fuq il- fil. Mela inti tiftakar li aħna morna fuq il-post?*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Tiftakar li urejtna wkoll fejn il- fili emm … kien sar minn terzi persuni?*

*Ix-Xhud:*
*Wara li lestew huma.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Iva?*

*Ix-Xhud:*
*Iva kien fetħu xi fili huma.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Naqblu li dawk il-fili kienu qed ifarfar wkoll.*

*Ix-Xhud:*
*Iva … iva.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Taqbel.*

*Ix-Xhud:*
*Imma mhux il- fili kienu qed ifarfru.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Tini ċans! Tini ċans! Il-fili l-ġodda naqblu li kienu qed ifarfru.*

*Ix-Xhud:*
*No no, kienu miftuħin meta ġejtu intom il-fili?*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Le ma kinux miftuħin.*

*Ix-Xhud:*
*Le … le … le miftuħin kienu, il-bqija fejn kien qed ifarfar kienu li ħallew Jesmond u Jason.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Igifieri skont inti, meta meta bdew ifarfru il-fili l-ġodda ma kinux; ma kinux xiex?*

*Ix-Xhud:*
*Kienu l- finish li ħallew Jesmond u Jason. Issa jien qbadt ħajt hemm hekk.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Mela mela.*

*Ix-Xhud:*

*Fejn hemm il-ħajt tal-lift, tajjeb? U bdejn nippruvaw fuqu. Għal dak il-ħajt qed nitkellmu aħna. Ha naraw kif ha naħdmu, li eventwalment dak inkesa issa.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Inkesa issa?*

*Ix-Xhud:*
*Inkesa issa iva, kellu jiġi l-wall paper fuqu.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Mela ħa nerġa' nsaqsik id-domanda.*

*Ix-Xhud:*
*Mela le.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Naqblu illi kien hemm fili li saru minn terzi persuni?*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Meta ahħa morna fuq il-post.*

*Ix-Xhud:*
*Iva iva.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Qed taqbel.*

*Ix-Xhud:*
*Naqblu.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Saru kienu lesti.*

*Ix-Xhud:*
*Le ma kinux lesti.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Ma kinux lesti.*

*Ix-Xhud:*
*Ma kinux lesti no.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Għalfejn ma kinux lesti?*

*Ix-Xhud:*

*Għax konna għadna m' aħniex lesti.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Imma il- fil kien hemm, kien lest.*

*Ix-Xhud:*
*Il- fil kien lest, kien miftuħ ma kienx iffinixxjat.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Ma kienx iffinixxjat. Għalhekk tfarfar qed tgħid inti.*

*Ix-Xhud:*
*Le m' iniex qed ngħidlek hekk.*

*Dr. Adrian Camilleri:*
*Laqas?*

*Ix-Xhud:*
*Jiena qiegħed ngħidlek kien għadu jfarfar, ftaħnihom ħa naraw x' ħa nagħmlu."*

(fol 136-137)

81. Fuq din il-kwistjoni, l-kjamat in kawża fl-affidavit isemmi illi:

*"Fl-aħħarnett inżid li waqt l-aċċess li għamlet il-perita Borg Costanzi, meta konna fis-sular ta' fuq fejn kien kaħħlu kollu Colin Sammut, jien kont braxt xi fili b'subgħajja u l-fili farfru"*

(fol 178)

82. In oltre, l-intimat Micallef jispjega illi :

*"Dr Adrian Camilleri :*
*Semma' meta marret il-perit … il-perita u …*

*Ix-Xhud :*
*Imbagħad meta rranġaw wara … mbagħad kienu rranġaw fuq …*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Meta beda jitfarfar il-fil …*

*Ix-Xhud :*
*Tagħmel hekk b'subgħajk jitfarfar xorta.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Dak il-fil, min għamlu l-fil ?*

*Ix-Xhud :*
*D'inhuwa ?*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Dak il-fil intom għamiltuh jew ħaddieħor ?*

*Ix-Xhud :*
*Kien hemm fil għamilnieh aħna mill-istess materjal u meta daru ħaddieħor l-istess tfarfar għax huwa l-istess materjal. Tfarfar l-istess.*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Min kien għamlu dak il-fil ?*

*Ix-Xhud :*
*Ma nafx it-tieni darba minn qabbad jirranġah ... xi ħadd ieħor ...*

*Dr Adrian Camilleri :*
*Ħaddieħor ... jiġifieri dak il-fil li tfarfar kien għamlu ħaddieħor. Xejn aktar mix-xhud."*

(fol 205-206)

83. Għaldaqstant, in vista tal-provi prodotti u għal dak hawn delineat il-Qorti tqis illi l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi stante illi ma ġiex ippruvat illi l-intimat Micallef naqas mid-diligenza rikjesta minnu bħala appaltatur. In oltre, ma ġiex ippruvat illi l-intimat Micallef u terzi ingaġġati minnu, ossia, l-kjamat in kawża Jason Gatt, ma eżegwewx ix-xogħolijiet skont kif tirrikjedi s-sengħa u l-arti.

**Ikkunsidrat**

84. Il-Qorti ser issa tagħmel referenza għal dak rilevat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati Micallef rigward l-improponibilita' tal-azzjoni.

85. Illi dwar dan il-Qorti ser tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet ***Ignazia Degabriele vs George Calleja et***[1], fil-Qorti sostniet illi:

*"Hu magħruf illi fil-każ ta' inadempiment tal-kuntratt ta' appalt, inkluż f' dan it-terminu n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tajba tax-xogħolijiet, ma huwiex eskluż l-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali fil-każ ta' inadempjenza kontrattwali. Dawn, infatti, jibqgħu applikabbli meta ma jirrikorrux il-presupposti tad-disposizzjonijiet speċjali, senjatament ir-riżoluzzjoni u l-ħall tal-kuntratt, ex-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili. Hekk allura r-responsabilita ta' l-appaltatur tibqa' tissussisti fejn dan per eżempju jonqos li jikkompleta l-opra affidata lilu jew f' każ ta' dewmien fl-eżekuzzjoni jew ikun naqas mill-obbligazzjoni tiegħu li jeżegwixxi u jikkonsenja l-opra appaltata skond ir-regoli ta' l-arti u s-sengħa, u x-xogħolijiet jirriżultaw karenti u difettużi. F' ċirkostanzi bħal dawn l-kommittent għandu d-dritt, ex Artikolu 1069 (1) tal-Kapitolu 16, li jagħżel li jġiegħel lill-appaltatur jeżegwixxi in forma speċifika l-appalt u jagħmel ix-xogħolijiet rimedjali, kif ukoll li jinsisti għad-danni [Artikolu 1069 (2) Kodiċi Ċivili];*

[1] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 2004 - Kawża numru: 1945/1996

> *Kif deċiż mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (1 ta' Marzu 1995, Numru 2346; Roberto Triola "Codice Civile Annotato con la Giurisprudenza", Tieni Edizzjoni, 2002), "nel contratto di appalto, il committente, che lamenti difformita` o difetti dell' opera, puo` richiedere che la difformita` o i difetti siano eliminabili a spese dell' appaltatore mediante condanna da esiguirsi nelle forme previste dall' art 2931 codice civile (korrispondenti għall-Artikolu 1127 tal-Kodiċi Ċivili tagħna) oppure che il prezzo sia ridotto (Ara f' dan is-sens Kollez. Vol. XXX P III p 433) e, in aggunta o in alternativa, che gli venga risarcito il danno derivante dalle difformita` o dai vizi. Tale domanda risarcitoria non si identifica con quella diretta all' attribuzione del risarcimento per equivalente che il committente proponga in subordine alla mancata esecuzione specifica della condanna all' eliminazione delle difformita` o dei vizi: la prima, infatti, che postila la colpa dell' appaltatore, e` utilizzabile per il ristoro del pregiudizio che non sia eliminabile mediante un nuovo intervenuto dell' appaltatore (come nel caso di danni a persone o a cose, o di spese di rifacimento che il committente abbia provveduto di fare eseguire direttamente); la seconda, che prescinde dalla colpa dell' appaltatore tenuto comunque alla garanzia, tende a conseguire un 'minus' rispetto alla reintegrazione in forma specifica, della quale rappresenta il sostitutivo legale, mediante la prestazione della 'eadem res debita', sicche deve ritenersi ricompresa, anche se non esplicitata, nella domanda di eliminazione delle difformita` o dei vizi.";*

86. Il-Qorti tosserva illi l-atturi fil-kawża odjerna qegħdin jikkontestaw il-kwalita' tax-xogħolijiet eżegwiti u li ġew ikkommissjonati lill-intimat Jesmond Micallef. Fil-fatt l-atturi qegħdin jitolbu mhux biss ir-rifużjoni tal-ammonti mħallsa bħala depożitu akkont tax-xogħolijiet iżda wkoll il-likwidazzjoni tad-danni. Pero' fid-dawl tal-kawża ċitata, l-Qorti tinnota wkoll illi fil-konfront tal-appaltatur inadempjenti, l-liġi tipprovdi lill-appaltant ċerti rimedji. F'każ illi l-appaltant ma jintavolax l-azzjoni tiegħu fid-dawl ta' wieħed minn dawn ir-rimedji disponibbli, allura jitqajjem dubju dwar il-proponibilita' tal-azzjoni.

87. Fid-dawl tas-sentenza appena ċitata, l-appaltant irid jipproċedi fil-konfront tal-appaltatur billi jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt t'appalt jew jeżiġi li l-appaltatur jlesti x-xogħolijiet kommissjonati lilu u/jew li jirrimedja x-xogħol allegatament eżegwit ħażin u f'kull każ jitlob il-ħlas tad-danni subiti. B'hekk huwa minnu li l-appaltant jista' jitlob għal danni, pero' mhux qabel jintalab ix-xoljiment tal-appalt jew l-appaltatur jiġi mġiegħel jeżegwixxi x-xogħolijiet. L-appaltant jista' wkoll jagħmel ix-xogħolijiet hu stess a spejjeż tal-appaltatur.

88. Illi l-Qorti, tqis illi ċertu rimedji kkontemplati hawn fuq, bħar-rexissjoni tal-kuntratt t' appalt, ma kinux rimedji possibli għall-atturi stante illi l-appalt fil-każ in deżamina kien ġie kompletat. Madanakollu, jidher illi r-rimedji li qegħdin jitolbu l-atturi huma dawk tar-rifużjoni tad-depożiti mħallsa u tad-danni u bl-ebda mod ma huma jitolbu illi l-Qorti iġiegħel lill-konvenut jagħmel ix-xogħolijiet rimedjali jew li l-Qorti tawtorizzahom a spejjeż tal-konvenut stess illi jagħmlu x-xogħolijiet rimedjali. Illi kif ġie pruvat fil-kawża, saru xogħolijiet rimedjali da parti tal-kjamat in kawża (ad esklużjoni tal-konvenut Jesmond Micallef) kif ukoll minn jeddhom mill-istess atturi.

89. Għaldaqstant, jidher illi huwa dubbjuż kemm l-atturi aġixxew fl-ottika tar-rimedji provduti mil-liġi.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Micallef u tillibera lill-intimata Sonia Maria Micallef mill-osservanza tal-ġudizzju;

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet oħra tal-intimati Micallef;

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża Jason Gatt; u għalhekk

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti u dan għar-raġunijiet hawn fuq spjegati;

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu a karigu tal-atturi.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**